TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 383/10

**Michael Valletta**
**vs**
**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erbatax-il ewro u erbgħa w erbgħin ċenteżmi (€14.44), rappreżentanti prezz ogħla ta' *spare parts* għax-*shaver*, li meta kien ordnahom kienu orħos.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna parts għax-*shaver* u meta kien ordnahom il-prezz miftiehem kien ta' sbatax-il ewro u ħamsa w disgħin ċenteżmi (€17.95). Meta ġew Malta, hu ġie mġiegħel iħallas l-ammont ta' tnejn u tletin ewro u disgħa u tletin ċenteżmi (€32.39).

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata ma kkontestatx din it-talba, u jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbatax-il ewro (€14), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**